# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 9 ta’ Ottubru 2001.**

**Numru 3**

**Att ta’ Akkuza numru 156/93**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarcisio Attard**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta’ Marzu 1993 fl-atti ta’ din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej :-

“Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migbura minnha fuq akkuzi migjuba mill-Pulizija kontra l-imputat hawn fuq imsemmi talli fi Triq Notabile, Mriehel, fit-3 ta’ Marzu 1991, ghall-habta ta’ nofsinhar, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ tharis ghar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta’ Andre Camilleri ta’ tmien snin, minn Birkirkara, u kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ 1) Joseph Camilleri ta’ seba’ u tletin sena minn Birkirkara ; 2) Victor Scerri ta’

wiehed u erbghin sena mill-Marsa ; 3) Josef Scerri ta' sitt snin mill-Marsa ; 4) Roderick Theuma ta' tmien snin minn H'Attard ; 5) Romina Farrugia ta' tmien snin minn Birkirkara ; 6) Laureen Spiteri ta' tmien snin minn Gwardamangia ; 7) Victor Vella ta' disa' u ghoxrin sena mill-Hamrun u ta' 8) Joseph Farrugia ta' disa' u erbghin sena minn Birkirkara ;

Ukoll talli fl-istess jum, lok u hin, saq karozza tal-marka Hyundai, bn-numru ta' registrazzjoni J-8913 bi speed eccessiv, b'manjiera perikoluza u bla kont.

Rat l-atti tar-rinviju ta' l-Avukat Generali li bih billi deherlu illi mill-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija tista' tinsab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-Art. 225, 226, u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-Art. 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 ; baghat lura ma' dana l-Att lil din il-Qorti l-atti tal-Kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija, sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' l-oggezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi fuq l-akkuza ta' din il-htija jew htijiet jew f'kaz ta' oggezzjoni tipprocedi skond l-artikolu 370(3)(d) tal-imsemmi Kodici.

Rat illi l-imputat ma sabx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament inkluz l-imputat minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni tal-ufficjal prosekutur u ta' l-avukat difensur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :-

Illi fit-termini tal-att tar-rinviju fuq imsemmi l-imputat jinsab addebitat b'omicidju nvolontarju u b'sewqan traskurat u bla kont.

Irrizulta mill-provi illi fit-3 ta' Marzu 1991 l-imputat akkompanjat minn martu kien qed isuq il-karozza tieghu Hyndai Stellar ghall-habta tal-12:00am fit-triq tal-Imriehel sejjer fid-direzzjoni tal-Hamrun. Meta wasal hdejn ir-roundabout li taghti ghall-Palazz ta' San Anton hass xi wgiegh li kien hafif u ddecieda li jhaffef halli jasal id-dar malajr li kienet f'tarf it-triq "Fleur de Lys". Ghamel xi sorpass ta' mill-inqas zewg karozzi u baqa' jsuq. Kif dar il-kantuniera fejn hemm l-iskola tilef il-kontroll tal-karozza, kiser lejn ix-xellug ghal fuq il-bankina fejn inzertaw li kien hemm numru kbir ta' genituri u tfal, tela' l-bankina u tajjar xi whud minnhom. Sussegwentement tifel ta' tmien snin Andre Camilleri miet fl-isptar San Luqa kawza diretta ta' dan l-incident mentri tmien persuni ohra li kienu gravament feritu kellhom jinzammu l-isptar ghall-kura. Mitlub jispjega kif tilef il-kontroll, l-imputat qal li ghal xi distanza qabel l-incident hu gie mrassas minn karozza ohra ta' kulur abjad illi kienet parigga mieghu li minhabba fiha kellu jigbed lejn ix-xellug kwazi mal-bankina u meta ra n-nies quddiemu ghafas il-brake u dawwar il-karozza lejn ix-xellug biex jevitahom izda minflok gie ezatt fuqhom. Ma kienx jidhirlu li l-karozza telghet il-bankina u jekk telghet xi ftit. Xehed li ma kienx qed isuq b'velocita' akbar minn tletin mil fis-siegha.

Ikkunsidrat :-

Illi l-gharef difensur tal-imputat argumenta fit-trattazzjoni tieghu u b'sens ta' komprensjoni u tama lejn il-vittmi, li l-kawza ta' dan l-incident ma kienx xi operat negattiv da parti ta' l-imputat izda s-sewqan perikoluz ta' min kien qed isuq il-karozza bajda li tant rasset il-karozza tal-imputat li kellu jispicca mhaxken mal-bankina b'mod li tajjar in-nies li kienu miexjin fuqha u tahtha. Il-kollegament bejn il-kawza u efftt kien ghalhekk is-sewqan perikoluz ta' dan it-terz u t-tragedja konsegwenzjali.

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbel xejn ma' tali sottomissjonijiet u anke jekk ghal grazzja tal-argument, tigi accettata l-presenza ta' din il-

karozza l-bajda li rasset lill-imputat, jidhrilha li l-imputat wettaq tlett zbalji grossi u fatali li flimkien jew individwalment wasslu ghal din it-tragedja.

L-ewwel zball serju ta' l-imputat kien meta ddecieda li jzid il-velocita' tal-karozza wara li hass xi wgiegh.

It-tieni li zamm l-istess velocita' tal-karozza l-bajda meta dina kienet qed tghafsu ghal fuq il-bankina u t-tielet u l-aktar serju ddeceda li jdawwar lejn ix-xellug meta kien diga' mhaxken mal-bankia u b'hekk direttament fuq in-nies.

B'riferenza ghall-ewwel zball, l-imputat xehed li meta wasal hdejn ir-roundabout tal-Hotel Corinthia hass ugiegh, jekk hux fil-patata jew tal-prostata hu, ghal fini ta' dan l-ezami immaterjali. Hu materjali pero' d-decizjoni tieghu li jeccelera l-vettura tieghu halli jasal id-dar malajr. Jibda biex jinghad li d-dar tieghu kienet vicin il-posizzjoni fejn tah dan l-ugiegh u, fl-aghar ipotesi, kien ikun hemm f'temp ta' hames minuti ta' sewqan ixxamplat. Terga' jekk l-ugiegh kien serju ma kellu qatt ikompli jsuq u jekk ma kienx, kif stqarr hu stess li ma kienx, l-imputat ma kellux ghalfejn izid il-velocita' tal-karozza b'mod li sabha difficli li jikkontrollaha. Din il-velocita' hi soggett ta' kontraversja peress illi meta l-imputat semma' l-figura ta' 50 xehed li kien qed jirreferi ghal kilometri fis-siegha u mhux mili u jekk semma' mili dan ghamlu ghax kien imhawwed. Il-Qorti jidhrilha li din ix-xhieda tal-imputat mhiex veritiera.

Irrizulta li l-karozza tal-imputat kienet kwazi gdida u tiffunzjona tajjeb f'kull aspett (fol. 97) u karozza ta' dik il-klassi mhux facli li titlef il-kontroll taghha la b'hamsin mil fis-siegha u wisq anqas bi tletin! Terga' l-imputat semma l-figura ta' hamsin mil fis-siegha fi tlett cirkostanzi differenti : wahda quddiem is-Surgent 836 Alex Taliana (fol. 133) li jidher li kien l-ewwel li kellem lill-imputat u nizzel din il-figura, hekk kwalifikata fl-okkorrenza (fol. 135). It-tieni lill-Ispettur

Anastasi (fol. 259) u t-tielet fil-versjoni tieghu guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti li ha l-briga li jiddeskrivi din il-velocita' bi kliem miktubin flok bil-forma abbrevjata. Jekk l-imputat kien imhawwad meta kellem lis-Surgent u lill-Ispettr, il-Qorti difficli temmen li kien imhawwad ukoll meta kien qed jixhed bil-gurament ghax inkella x'affidament tista' l-Qorti taghti lid-deposizzjoni tieghu?

Barra minn hekk, ix-xhieda tat-tabib Giglio u martu hi determinanti minn dan l-aspett. It-tabib xehed (fol. 63 u 111) li hu kien qed isuq mas-centre strip b'velocita' ta' hamsa u tletin mil fis-siegha u l-imputat qabzu minn fuq ix-xellug bi speed qawwi u semma' wkoll karozza ohra ta' kulur krema (forsi l-karozza l-bajda li ddeskriva l-imputat!) u li dawn tant saqu li f'kwistjoni ta' minuta allontanaw zewg kantunieri. Ovvjament jekk it-tabib kien qed isuq b'hamsa u tletin mil fis-siegha u s-sorpass sar b'dak il-mod u b'dik il-velocita' l-figura ta' hamsin mil fis-siegha li semma originarjament hi aktar verosimili u tinkwadra ahjar fil-mekkanika ta' dan l-incident. Ir-reazzjoni tat-tabib meta gie wicc imb'wicc mal-imputat wara t-tragedja meta esklama "Dak sewqan!" u r-risposta tal-imputat "rassni" hi wkoll indikattiva. L-imputat ma nnegax l-eccess ta' velocita' izda attribwixxa l-kawza tas-sinistru ghal dan ir-"rass" ta' terzi u mhux ghal xi nuqqas da parti tieghu. Izda nuqqas kien hemm, ghax mhux talli kien qed isuq b'ecess ta' velocita' talli dan kien jissupera l-limiti ta' kompetenza tieghu personali. Kif tajjeb osserva d-difensur ta' l-imputat, l-eccess ta' velocita' mhux dejjem huwa indikattiv ta' htija u certa toroq jifilhu facilment din il-velocita' li tista' tissupera dik statutorja. Il-Qorti lesta tikkoncedi li din it-triq ta' l-Imriehel anke fil-konfigurazzjoni kif kienet fi zmien l-incident, tista' tikkwalifika bhala wahda minn dawn it-toroq. Izda jekk it-triq kienet tiflah access moderat, l-imputat ma kienx.

L-imputat xehed, u b'certu insistenza, (fol. 265) li ghalih hamsin kilometru fis-siegha (ekwivalenti ghal cirka tletin mil fis-siegha) "huwa speed kbir" u ma kienx imdorri isuq b'dik il-velocita', anzi kompla jghid, isuq bil-mod hafna. Evidentement l-imputat hu wiehed minn dawk is-

sewwieqa li jesaspera tant ohrajn waqt il-passeggjata tieghu nhar ta' Hadd u li darba tnehhih minn dan l-element jikkrolla ghal kollox. Jekk ghall-imputat tletin mil fis-siegha hu speed kbir, ghalfejn mar jaccellera meta hass l-ugiegh meta kien jaf li kien ser jissupera l-limiti tieghu u jekk l-imputat tilef il-kontroll tal-karozza f'kundizzjoni mekkanika perfetta, b'velocita' ta' tletin mil fis-siegha allura ma messu qatt kien fit-triq ghax hu ta' perikolu ghalih u ghall-utenti l-ohra kif din it-tragedja write. Il-verita' hi li l-imputat kien ghaddej b'hafna aktar, b'velocita' li ghalih kienet spazjali li ssuperat il-limiti konsentiti lilu u ghalhekk ma kienx kapaci jirreagixxi ghal din is-sitwazzjoni li volontarjament dahal fiha meta, minghajr ebda gustifikazzjoni iddecieda li jidhol f'Urelm ta' velocita' ghal kollox injot ghalih. Dan kien l-ewwel zball fatali tieghu, zball li ghalih hu responsabbli unikament u esklussivament minghajr l-ebda fattur kontibutorju ta' terzi jew cirkostanzi u li wassal inesorabilment ghat-tnejn l-ohra u t-tragedja.

It-tieni zball ta' l-impjutat kien meta ddecieda li jzomm l-istess velocita', anzi jzid mal-karozza li kienet qed trossu meta kellu l-opportunita' kollha jnaqqas il-velocita' u jhalli l-karozza l-ohra "overshoot". Skond l-imputat dan ir-rass kien ilu jsir xi distanza qabel l-incident u martu ssemmi almenu hamsin yard (fol. 275) u meta waslu fil-kantuniera dan ir-rass kompla zied. Probabilment, dejjem jekk verament kienet tezisti din il-karozza l-bajda, dan ir-rass beda ferm aktar qabel, almenu wara s-sorpass tla-karozza tat-tabib Giglio fejn allura l-imputat seta' jirrikonsidra d-decizjoni tieghu li jaccellera. Zmien biex jirrikonsidra kellu zgur ghax f'dan l-istadju ha decizjoni ohra u flok naqqas il-velocita', kif kien prudenti li jsir, iddecieda li jippika. A fol. 38 l-imputat qal testwalment : "Jista' jkun, nahseb li hekk ghamilt illi meta dana tal-karozza l-bajda beda jissikkani, jiena ghafast aktar il-gass biex nipprova nehles minnu" – decizjoni ghal kollox irresponsabbli li aktar tistenniha minn xi guvni sfrattat milli minn ragel ta' kwazi sittin sena li suppost ghandu jkun jaf ahjar. Dan l-atteggjament, ikompli jaccenna l-"gross errors of judgement" li l-imputat ha f'dawk il-mumenti fatali qabel l-incident.

It-tielet zball hu dak l-aktar serju u direttament konness mat-tragedja u cioe' meta l-imputat nfaccjat b'dik il-folla nies quddiemu ddecieda li jdawwar il-karozza direttament ghal fuqhom.

Id-difiza ppruvat tiggustifika dan l-izball b'dawn il-punti principali : wahda li kien hemm in-nies taht il-bankina fejn allura' jista' jkun hemm fattur kontibutorju ; it-tieni li r-rass kien tant qawwi li l-imputat ma kellu l-ebda alternattiva b'dana illi ma hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm telf ta' kontroll u t-tielet li ma giex eskluz element ta' paniku fejn allura dak li jkun ma jafx x'jista' jaghmel.

B'riferenza ghall-ewwel punt, il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi li gew prodotti rrizulta li ma kien hemm hadd taht il-bankina, izda, anke jekk kien hemm, dana ma jfissirx li ghandhom ikunu esposti ghal xi periklu jew ghal xi fattur kontibutorju f'kaz ta' sinistru. It-triq hi ta' kulhadd u kulhadd ghandu dritt joqghod fiha. Kif ghallem l-awtur Taljan Mario Codagnome fil-ktieb **"Casa Pratici in Materia di Circolazione Stradali"** f'pagna 51 :-

"Riteniamo che allo stato attwale delle cose si inpogna anzitutto un'affermazione di principio : la strada e' di tutti.

Essa e' un bene al cui utenza i cittadini tutti sono ammessi con parita' di diretti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parte di coloro che la dominiamo alla guida di mezzi che,per le loro intrinsiche caratteristiche di velocita' e potenza, possono constituiere anche solo per questo, un iminente pericolo per la circolazione".

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet biex ukoll jaffermaw dan il-principju. Fosthom insibu l-kawza **Pulizija vs Mifsud** (Vol. XXXVIII – IV – 859) fejn inghad illi : "Anke fl-assenza, hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw il-"pedestrians", hu cert li, anke meta jkun fil-"carriage way", il-pedestrian hu intitolat ghall-uzu ta' diligenza

ordinarja mill-parti ta' drivers f'dik il-carriage way". L-istess **<u>Police vs Demicoli</u>** (Vol. XXXVII. PIV. P. 1157) : "Ma hemmx dubbju illi l-"pedestrians" jew "foot passengers" huma intitolati ghall-esercizzju ta' "reasonable care" mill-parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkunu fil-"carriageway" u ghalhekk l-fatt li l-pedestrian kien fil-carriage way ma jezonerax id-driver mill-htija li jolqtu, jekk dan id-driver ma jkunx uza "reasonable care".

Kawz ohr ahuma <u>"Said vs Fountain"</u> 1958 (Vol. XLII.1.15) <u>Police vs Aldridge</u> 1956 (Vol XL.IV. 1013) ; <u>Police vs Rev Vincent Camilleri</u> Qorti tal-Magistrati (per Magistrat Valenzia) 4 ta' Frar 1983 ; <u>Scembri vs Borg</u> P.A. (per Imhallef Harding) 12 ta' Mejju 1983 ; <u>Apap vs Degiorgio</u> Appell 16 ta' Jannar 1984 u <u>Police vs Richard Spiteri</u> Qorti tal-Magistrati (per Magistrat Mallia) 25 ta' Novembru 1992.

Irrizulta mill-provi specjalment mill-pjanta preparata mill-Perit Richard Aquilina (fol. 53) u r-ritratti li l-karozza ta' l-imputat l-ewwel hakket mal-bankina ghal xi distanza mbaghad telghet fuqha u baqghet miexja ghal xi ftit kif it-tyre marks jindikaw (ritratti fol. 60, 61 u 62) biex regghet nizlet il-bankina u spiccat f'nofs it-triq kif jidher mir-ritratti. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat abbanduna kull kuncett ta' "reasonable care" ferm qabel l-incident u assolutament ma tara l-ebda fattur kontributorja min-naha tan-nies feruti sew jekk dawn kienu fuq il-bankina jew tahtha, f'kwalunkwe kaz, biex ser ikaxkar lil kulhadd quddiemu kienu fejn kienu.

Id-difiza qajmet ukoll l-eccezzjoni ta' "inevitable accident" fis-sens li r-rass kien tant qawwi li l-imputat ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jitla' l-bankina. Il-Qorti ma tarax li dana huwa l-kaz. Fl-aghar ipotesi seta' dejjem jigbed lejn il-lemin ghal fuq il-karozza l-ohra u b'hekk jevita milli jitla' l-bankina. Izda l-imputat ikkrea din is-sitwazzjoni hu stess bid-decizjonijiet zbaljati li ha qabel fejn spicca biex isuq bi speed tali li ma setax jinkontra l-emergenza billi jieqaf "a tempo".

L-imputat sahaq hafna li ma kienx qed isuq bi speed qawwi jew li tilef il-kontroll tal-vettura. Apparti l-fatt li din il-Qorti hi konvinta li gara proprju l-oppost dan l-argument hu prova ta' htija ta' l-imputat peres illi jekk verament kien qed isuq bi speed moderat dan kien messu qeghdu fi grad li jista' jara lil dawk il-persuni "a tempo" biex jista' jew izomm tempestivament, jew jesperimenta xi manuvra ohra ta' evazjoni effikaci (ara <u>Police vs Formosa</u> 1959 Vol. XLIII PIV P.1023).

Sfortunatament u tragikament l-unika manuvra li sperimenta kien li jdawwar il-karozza direttament ghal fuq in-nies, manuvra li ghaliha hu responsabbli wahdu u l-fatt li ma hax mizuri effikaci hija ndikazzjoni qawwija tas-sensiela ta' "errors of judgement" li l-imputat ha mill-mument li ddecieda li jzid il-velocita' tal-karozza.

Huwa inutili li l-incident jigi attribwit ghal xi element ta' paniku. L-imputat qatt ma messu dahal f'dik is-sitwazzjoni. Is-sengha u l-arti fis-sewqan huma proprju ntizi biex tigi evitata din il-kondizzjoni u s-sewwieq prudent li josserva r-regolamenti ma jkollu qatt raguni ghall-paniku u s-sitwazzjoni tkun dejjem taht kontroll. Jekk l-imputat ma kienx kapaci jirreagixxi b'mod lucidu ghas-sitwazzjoni li hu holoq ma messu qatt ikun fit-triq ghaliex il-paniku tieghu jrid ihallas ghalih terz innocenti li ma kellu l-ebda influwenza fuq dak l-istat li l-imputat volontarjament u b'sensiela ta' zbalji tragiki dahal fih.

Thares lejh kif thares lejh dan il-kaz, ir-responsabbilita' ta' l-imputat hija enormi u wera ampjament li ma kienx kapaci jivallorizza b'mod korrett is-sitwazzjoni tat-traffiku kif zvolgiet quddiemu u b'sensiela ta' "gross errors of judgement" wasal ghal din it-tragedja li ghaliha jibqa' personalment u unikament responsabbli.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, wara li rat l-artikoli 225, 226 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap.65, taqta' u tiddeciedi billi ssib lill-imputat <u>hati</u>

talli fi Triq Notabile, Mriehel, fit-3 ta' Marzu 1991, ghall-habta ta' nofsinhar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu – tas-sewqan – jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Andre Camilleri ta' tmien snin minn Birkirkara, u kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' 1) Joseph Camilleri ta' seba' u tletin sena minn Birkirkara ; 2) Victor Scerri ta' wiehed u erbghin sena mill-Marsa ; 3) Josef Scerri ta' sitt snin ; 4) Roderick Theuma ta' tmien snin minn H'Attard, 5) Romina Farrugia ta' tmien snin minn Birkirkra ; 6) Laureen Spiteri ta' tmien snin minn Gwardamangia ; 7) Victor Vella ta' disa' u ghoxrin sena mill-Hamrun u ta' 8) Joseph Farrugia ta' disa' u erbghin sena minn Birkirkara.

Ukoll talli fl-istess jum, lok u hin saq karozza tal-marka Hyundai, bin-numru ta' registrazzjoni J-8913 bi speed eccessiv, b'manjiera perikoluz u bla kont.

Ikkonsidrat ghal fini tal-piena, wara li rat il-fedina penali u qieset l-eta' ta' l-imputat li mhux il-kaz li jintbaghat il-habs, ma' dana kollu r-responsabbilita' tieghu f'dan l-incident hija enormi u dina ghandha tirrifletti fl-ghoti tal-piena li ghad li ser tkun wahda pekunjarja ma ghandha tkun xejn inqas mill-massimu permess mil-ligi u ghalhekk filwaqt li tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' Lm2000 (elfejn lira) tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien hames snin mil-lum u tordna wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 li l-imputat ghadu jhallas l-ispejjez kollha tal-esperti mahtura f'dan il-kaz."

Minn dik is-sentenza appella l-imputat Tarcisio Attard permezz ta' rikors tal-appell prezentat fil-5 ta' April 1993 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Ser jinghad l-ewwel brevement f'hiex jikkonsisti l-aggravju tal-appellant.

In lineja generali l-appellant jissottometti illi l-provi prodotti ma jwasslux ghal dak il-konvinciment morali f'mohh min ghandu jiggudika li l-posizzjoni hija kif qalitha l-ewwel Qorti. Huwa veru illi l-effetti kienu gravi, fatali u serji, izda din il-konsiderazzjoni bhala tali ma tfissirx li wiehed ghandu jikkonkludi illi la kienet il-vettura tal-appellant li ghamlet dan id-dannu, li kkawzat din il-mewt, huwa hu bhala s-sewwieq ta' din il-vettura li ghandu jigi ritenut responsabbli. Fil-kaz odjern, l-appellant jissottometti, li gie pruvat li huwa persuna li jsuq karozza verament bil-galbu. Gie pruvat li l-ispeed tieghu izommu dejjem baxx. Mill-provi tal-partecipanti tal-maratona jirrizulta illi ma kien hemm hadd illi ra l-vettura gejja, izda rawha mad-daqqa.

B'mod iktar partikolari, l-appellant filwaqt li jirreferi ghat-tlett kriterji li fuqhom ibbazat is-sentenza taghha l-ewwel Onorabbli Qorti jissottometti dan li gej.

Kwantu jirrigwarda l-ewwel wiehed minn dawn il-kriterji jirrileva li huwa zied il-velocita' meta hass l-ugiegh tal-prostata. Huwa jissottemetti illi dan il-fattur, kuntrarjament ghal dak li kkonstatat l-ewwel Qorti, ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-kaz. Huwa jissottometti illi hemm provi bizzejjed fil-process li l-ugiegh li garrab qabel sew l-incident ma kienx tali li zammu milli jkompli jsuq jew li jipperikolalu s-sewqan tieghu. Il-gudizzju tieghu li jzid ftit fl-ispeed kien logiku fic-cirkostanzi, stante li ma ra l-ebda perikolu li hu seta' jkompli jsuq. Wiehed ghalhekk mhux korrett li jigbed konkluzjoni ta' rejita minhabba dan il-fatt.

Kwantu jirrigwarda t-tieni raguni li fuqha bbazzat is-sentenza taghha l-ewwel Qorti, din kienet illi l-appellant zamm l-istess velocita' meta l-karozza l-bajda kienet qed tghafsu. Fl-ewwel lok il-hazin hu l-manuvra ta' ksuhat li kienet qed taghmel il-karozza l-bajda. Wiehed ma jistax jinverti certu agir billi sic et sempliciter jinghad illi l-hazin gej minn min qed isofri l-azzjoni. Dan ma kienx xi kaz ta' xi tnejn minn nies qeghdin itellqu l-karozzi u allura jghafsu lil xulxin biex jirbah xi hadd minnhom. L-enfazi hawn m'ghandiex tqum fuq il-fatt tal-velocita', ghaliex il-velocita' ma kienitx il-fattur predominanti. Li hu rilevanti hu illi l-karozza l-bajda kienet qed tghafsu u tostakolah. Huwa jissottometti illi anke wiehed jista' ironikament jistaqsi ghaliex hu mhux biss ma naqqasx,

imma wkoll ghaliex ma waqafx, izda hu saput illi mhux hekk jigri fil-hajja u kwindi bir-rispett jissottometti li hadd ma jista' jigbed konkluzjoni li hu seta' b'daqshekk ippreveda l-avvenniment u ma pprevenihx.

Fir-rigward tat-tielet raguni migjuba mill-ewwel Qorti in sostenn tas-sentenza taghha, din kienet illi fil-fehma taghha l-appellant dawwar lejn ix-xellug meta kien diga' mhaxkem mal-bankina u b'hekk gie direttament fuq in-nies. L-appellant jissottometti illi dan mhux apprezzament korrett ta' dak li gara. Infatti ftit metri 'l fuq minn fejn gara l-incident hemm liwja. Bhala effett ta' dan il-fatt, il-vizwali kienet ostakolata u t-tfal ma setghux jidhru. Il-wisa' tat-triq qabel il-liwja u l-wisa' tat-triq fejn gara l-incident minhabba l-"bend" m'humiex l-istess. Di piu' f'dak il-mument il-karozza l-bajda ma hallietlux wisa' bizzejjed tant li s-side mirrors habtu ma' xulxin. Bhala bniedem seren li jkollu ghajnejh maghluqin u f'daqqa wahda jiftahhom u jara xi haga li ttih qatgha, l-istess, ir-rejazzjoni tal-appellanti f'dak il-mument ta' diffikolta' minhabba l-agir irresponsabbli ta' terza persuna, ma kienitx sproporzjanata. Hu ra quddiemu kwantita' kbira ta' tfal u nies u l-fatt li ghamel dik il-manuvra m'ghandhiex tfisser responsabbilita' kriminali 'il ghaliex f'dawk ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom irreagixxa b'dak il-mod u mhux b'mod iehor. Li hu determinanti hu, li hu ma rreagixxiex hekk minhabba traskuragni tieghu.

Fl-ahharnett l-appellant jikkonkludi illi mill-provi m'ghandu jirrizulta ebda sewqan bla kont jew perikoluz da parti tieghu, kwindi t-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata skond il-ligi.

Ikkonsidrat:-

Verament dan huwa l-pern tal-kwistjoni kollha f'dan l-appell u din il-Qorti hadet iz-zmien taghha biex tahseb mhux biss fuq il-provi processwali imma anke fuq il-konsiderazzjonijiet kollha tal-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza twila u elaborata illi tat.

Il-konkluzzjoni li tasal ghaliha din il-Qorti hija illi fl-ahhar analizi, essenzjalment, hemm element ta' responsabbilita' kriminali da parti tal-

appellant li jirrizulta ghalkemm pero' mhux fil-grad ta' irresponsabbilita' grossolana illi l-ewwel Qorti attribwietlu fis-sentenza appellata.

Jidher minn dak illi tista' tifhem din il-Qorti mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti ma kienitx certa dwar dak li kien qieghed jissottometti l-appellant fir-rigward tal-famuza karozza bajda illi skond il-verzjoni tieghu kienet il-kawza ta' kollox. Jidher li dik il-Qorti ma setghatx tiddeciedi taghtihx affidament fuq din il-verzjoni jew le, pero' jidher ukoll mill-ewwel sentenza illi qatt ma waslet ghall-konkluzzjoni li ma temmnux. Jekk din hija sitwazzjoni, u dik il-Qorti wkoll ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni illi ma temmnux f'din il-verzjoni tieghu dwar il-karozza l-bajda, ir-responsabbilita' tal-appellant tonqos konsiderevolment filwaqt li tikber konsiderevolment u pari passu u proporzjonalment dik tal-karozza fantazma illi baqghet ma gietx identifikata.

Din il-Qorti tara hafna valur fis-sottomissjoni tal-appellant illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enfazi izzejjed, tat importanza sproporzjonata lill-fatt illi kompla jsuq u anzi zied fl-ispeed tieghu meta hass ugiegh f'parti ta' gismu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti hija xi ftit jew wisq xi ftit proporzjonata 'il ghaliex fi kwalunkwe kaz fl-ewwel lok ma jirrizultax li kien ugiegh illi kellu invece jikkonvinci lill-appellant ma jsuqx u fit-tieni kaz ghall-fini tal-akkuza irid jigi stabbilit illi kien hemm verament in-ness bejn il-fatt illi kompla jsuq bi speed accellerat u l-incident.

Din il-Qorti tara illi m'hemmx provi konvincenti bizzejjed biex jeskludu kompletament ir-responsabbilita' kriminali tal-appellant fuq il-bazi sottomessa tas-"sudden emergency" krejata lilu minn haddiehor u dana minhabba illi bhall-ewwel Qorti thoss illi f'certu mument huwa, kuntrarjament ghal dak illi jsostni fix-xhieda tieghu, kien qed isuq bi speed aktar milli jmissu. Din il-Qorti hi konvinta li kien il-fatt li kien qed isuq b'dak l-ispeed illi mbaghad meta gie affaccjat bl-emergenza krejata lilu minn haddiehor li ma setax jikkontrolla l-karozza tieghu u spicca gara l-incident.

Kollox ma' kollox pero' din il-Qorti tara illi r-responsabbilita' kriminali tieghu kienet hafna inqas minn dik attribwita lilu mill-ewwel Qorti ghalkemm din il-

Qorti wkoll ma tarax li kien hemm xi kontributorjeta' da parti tal-pedestrians. Pero' certament kien hemm kontributorjeta' fi grad qawwi da parti ta' min kien qed isuq il-karozza l-ohra bajda u li qatt ma gie identifikat.

L-appellant appella wkoll mill-piena. Hu ssottometta illi hu l-kaz illi jkun hemm temperament fiha specjalment ghal dak li jirrigwarda l-projbizzjoni milli jkun jista' jsuq minhabba illi dan ser ifisser li jispicca bla xoghol 'il ghaliex huwa jghix proprju bl-uzu tal-vettura tieghu fis-sens li din hija indispensabbli ghax-xoghol tieghu.

Din il-Qorti anke minhabba illi tikkonsidra l-grad ta' responsabbilita' tal-appellant, kif inghad, huwa ferm inqas minn dak attribwit lilu mill-ewwel Qorti sejra fi kwalunkwe kaz tirriforma s-sentenza appellata ghal dak li hija piena.

Ghal dawn il-motivi, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li saq b'manjiera perikoluza u bla kont u tilliberah minn dawn l-akkuzi filwaqt illi ssibu hati tal-ewwel akkuza kif ukoll tat-tieni akkuza pero' limitatament ghal speed eccessiv ghalkemm marginalment eccessiv. Tirrevoka wkoll is-sentenza appellata in kwantu kkundannatu ghall-multa ta' elfejn lira Maltin u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien hames snin u minflok tillibera lill-appellant fit-termini tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjoni li f'dan il-perjodu ma jikkommetti ebda reat iehor. Il-kumplament tas-sentenza senjatament fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 jibqa' konfermat.

Aldo Testone

Dep/Reg